MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 846/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 846/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Europrosan SpA VA 181251**

***kontra***

**Sarrebico Medical Supplies Limited (C16017)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u debitament konfermati bil-gurament mir-rapprezentant taghha Leonardo Ravazzani, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimata milli –

*Tbiegh, tittrasferixxi jew mod iehor tiddisponi taht kwalsiasi titolu, kif ukoll milli tissoggetta jew tohloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta fuq is-segwenti propjetajiet :–*

*a) Il-mahzen fil-livell tat-triq tal-kejl superficjali ta` cirka mitejn u hamsa u ghoxrin metru kwadru (225 mk) formanti parti mill-kumpless bini l;i jinsab fi Triq is-Salib tal-Imriehel, kontrada tal-Imriehel, limiti ta` Hal-Qormi, u li huwa accessibbli minn bieb bla numru bl-isem "Andrew" fl-istess triq ;*

*b) Ufficini li jinsabu fl-ewwel sular tal-istess kumpless ta` bini, sovrapposti ghall-mahzen imsemmi aktar `il fuq fil-paragrafu "a" tal-kejl superficjali ta` cirka mitejn u hamsa u ghoxrin metru kwadru (225 mk) liema ufficini huma accessibbli minn bieb iehor bla numru bl-isem ta` "Tri-Crest House" fl-imsemmija Triq is-Salib tal-Imriehel ;*

*c) L-arja direttament sovrappost ghall-imsemmija ufficini deskritti fil-paragrafu precedenti ghal dan ("b")*

*liema propjetajiet flimkien jikkonfinaw peress illi huma kontigwi min-nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-punt ma` beni ta` Joseph Cassar, u mil-lvant ma` beni ta` Andrew Mizzi.*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Gunju 2014 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata li nghatat ghaxart ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 19 ta` Gunju 2014 fis-1.30 p.m.

Rat li fit-12 ta` Gunju 2014 l-intimata kienet notifikata bl-atti u bl-avviz tas-smigh tar-rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Gunju 2014.

Rat id-digriet taghha moghti f'dik l-udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex dwaru tipprovdi kameralment.

**Ikkunsidrat** :

Ir-rikorrenti ntavolat il-procediment tal-lum a tenur ta` l-**Art 874 tal-Kap.12**.

Leonardo Ravazzani bhala rapprezentant tal-kumpannija rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu illi Europrosan SpA hija kreditrici tal-kumpannija intimata €250,685.14 prezz ta` merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Ghalkemm il-kumpannija ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub, hija esprimiet il-fehma taghha dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti tramite verbal li ghamel id-difensur taghha fl-udjenza tad-19 ta` Gunju 2014.

Il-Qorti ssib illi l-kumpannija attrici ghandha dritt li tikkawtela l-pretensjoni taghha kontra l-kumpannija intimata bil-prezentata tal-procediment tal-lum anke ghaliex il-kumpannija ntimata ma gabet l-ebda prova li ghandha fil-pussess taghha flus jew effetti ohra li bihom tista` tigi kkawtelata l-pretensjoni tar-rikorrenti in alternativa ghar-rikors odjern.

Ghalhekk kollox meqjus, il-Qorti ssib li fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-kum,pannija rikorrenti billi :-**

**1) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-kumpannija intimata sabiex la tbiegh, la tittrasferixxi u lanqas b`xi mod iehor tiddisponi taht kwalsiasi titolu mill-propjetajiet li sejrin jigu elenkati, kif ukoll la tissoggetta u lanqas tohloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta fuq l-istess immobbli, hlief li tkun tista` taghti b`lokazzjoni dawk il-propjetajiet.**

**Il-propjetajiet huma dawn :-**

**a) Il-mahzen fil-livell tat-triq tal-kejl superficjali ta` cirka mitejn u hamsa u ghoxrin metru kwadru (225 mk) formanti parti mill-kumpless bini li jinsab fi Triq is-Salib tal-Imriehel, kontrada tal-Imriehel, limiti ta` Hal-Qormi, u li huwa accessibbli minn bieb bla numru bl-isem "Andrew" fl-istess triq ;**

**b) L-ufficini li jinsabu fl-ewwel sular tal-istess kumpless ta` bini, sovrapposti ghall-mahzen imsemmi aktar `il fuq fil-paragrafu "a" tal-kejl superficjali ta` cirka mitejn u hamsa u ghoxrin metru kwadru (225 mk) liema ufficini huma accessibbli minn bieb iehor bla numru bl-isem ta` "Tri-Crest House" fl-imsemmija Triq is-Salib tal-Imriehel ;**

**c) L-arja direttament sovrappost ghall-imsemmija ufficini deskritti fil-paragrafu precedenti ghal dan ("b")**

**Dawn il-propjetajiet flimkien jikkonfinaw peress illi huma kontigwi min-nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-punt ma` beni ta` Joseph Cassar, u mil-lvant ma` beni ta` Andrew Mizzi.**

**2) Ghall-fini tal-Art 874(3) tal-Kap 12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tal-kumpannija rikorrenti, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**3) Tordna li l-ispejjes kollha jithallsu mill-kumpannija ntimata.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------